MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 2364/1997/1

**Norman Zammit**

**v.**

**Antoine Zammit**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Ottubru 1997, l-attur ippremetta illi fid-9 ta' Awissu 1997, fl-Iklin hu kien vittma ta’ attakk kattiv u vjolenti mill-konvenut li ħallieh bi ġrieħi hekk gravi illi, sa

dakinhar meta fetaħ il-kawża, kien għadu fis-sodda u ma setax imur għax-xogħol fil-ħanut tiegħu ta' *ironmongery*. Dawn il-ġrieħi ma jfieqx minnhom u għalhekk sejrin inaqqsulu s-setgħa tiegħu li jaħdem. Għalhekk l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-Qorti, wara li (1) tgħid illi l-konvenut waħdu jaħti u għandu jwieġeb għad-danni li ġarrab, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*, (2) tillikwida d-danni u (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:
1) ma hux minnu illi hu ikkawża danni lill-attur; u

2) ma hux minnu kemm illi l-attur ġarrab danni u kif ukoll li ġarrab id-danni enormi li qiegħed igħid."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tal-21 ta' Frar 2006, meta esprimiet ruhha hekk:
"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u tgħid illi l-konvenut jaħti għad-danni li ġarrab l-attur, li qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' disat elf u disa' mitt lira (Lm9,900), tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħaxijiet fuqhom millum u l-ispejjeż kollha tal-kawża."

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża, kif rakkontati mill-attur, ġraw hekk:

"L-attur ried idaħħal il-karrozza tiegħu f'garage iżda ma setax għax il-karrozza tal-konvenut kienet quddiem id-daħla. Billi l-konvenut kien fil-karrozza jitkellem ma' tfajla, l-attur daqqlu l-*horn* biex iwarrablu. Il-konvenut injorah u baqa' jitkellem. Wara li l-attur daqq il-*horn* drabi oħra għalxejn, fl-aħħar mar ikellem lill-konvenut b'ċerta saħna biex jgħidlu jwarrab. Din id-darba l-konvenut saq u mar in-naħa l-oħra tat-triq. Hekk kif l-attur daħħal il-karrozza l-

*garage* u ħareġ sab lill-konvenut quddiemu. Għadda xi kliem sħun bejniethom u l-konvenut ta daqqa ta’ ponn, li miegħu kellu bħal bokkla tal-metall, lill-attur u tefgħu ma’ l-art. Bid-daqqa benġillu wiċċu u kisirlu xi għadam f’imnieħru. Kif l-attur kien ma’ l-art, tah daqqa ta’ sieq u kisirlu l-għadam tal-qasba ta’ siequ tal-lemin.

“Il-konvenut qal illi kien qiegħed fil-karrozza jitkellem ma’ ċerta Vanessa Sant meta resaq lejh l-attur, beda joffendih u qallu jżul min-nofs għax ried igħaddi minn fejn kienet il-karrozza tal-konvenut biex jidħol fil-*garage* tiegħu. Il-konvenut saq il-karroza tiegħu, u l-attur qiegħed il-karrozza tiegħu quddiem il-*garage*. Wara, l-attur niżel mill-karrozza, resaq lejn il-konvenut, li kien għadu fil-karrozza tiegħu ma’ Sant, u reġa’ beda joffendih. Il-konvenut niżel mill-karrozza; billi xi żmien qabel kien għamel operazzjoni f’siequ, ma setax jimxi sew u kien liebes żarbuna waħda. X’ħin rah hekk, l-attur ġie biex jaggredih u t-tnejn ġew fl-idejn. Il-konvenut laqat lill-attur f’wiċċu, u l-attur żelaq fit-trab u waqa’. Il-konvenut imbagħad daħal fil-karrozza u telaq.

“Xhud li rat l-inċident kienet Vanessa Sant, ħabiba tal-konvenut li kienet miegħu dak il-ħin. Din sostanzjalment ikkorroborat dak li qal il-konvenut.

“Xhud indipendenti li ra parti mill-inċident kien Mario Zammit. Dan qal hekk:

"“Dak kienu xi s-siegħa u nofs ta’ wara nofsinhar; kont fil-kamra tas-sodda jien, u smajt bħal nies jillitikaw barra, u qomt nittawwal ħa nara x’ġara. U dak il-hin rajt lil dan, Norman [l-attur], u x'jismu hawn, Zammit ukoll, Antoine [il-konvenut], kienu qegħdin wiċċ ma’ wiċċ qishom ha jaqbdu jiġġieldu dawn. U ftaħt il-gallarija jiena għax għidt “Dawn żgur ħa jiġġieldu”; smajthom jillitikaw. Sadattant naf li qabdu jagħtu. Lil Antoine rajtu jtih xi daqtejn ta' ponn … … … lil Norman, u Norman ta wkoll u ma laqtux. Imbagħad jien bdejt ngħajjat: għidtilhom, “Aqtgħuha għax se tweġġgħu”, u dan. Imbagħad Antoine rikeb il-karrozza u telaq. Kien hemm xi tfajla miegħu jidhirli. … … … Naf li rajtu jtih xi żewġ daqqiet ta’ ponn jien; ma nafx li rajtu

jtih bis-sieq, għax hemm anke s-siġar; ma tantx nista' nara mija fil-mija.[1]"

"Dan ix-xhud qal ukoll illi lill-attur rah iqum fuq saqajh u jirkeb fil-karrozza tiegħu wara l-inċident.

"Xhieda oħra ta' l-inċident ma kienx hemm.

"Wara li qieset sewwa x-xhieda u l-verżjonijiet tal-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi, ukoll jekk għadda xi kliem żejjed kemm minn naħa kif ukoll minn oħra, il-biċċa l-kbira tal-ħtija hija tal-konvenut. Jekk tassew l-attur avviċinah bi kliem żejjed, il-konvenut seta' faċilment evita l-episodju kollu billi, kif kien fil-karrozza, jaqbad u jsuq 'l hemm. Ma kellux għalfejn jinżel mill-karrozza u jistenna lill-attur jersaq lejh, biex jieħu s-sodisfazzjon. F'kull każ, jekk tassew kien ipprovokat bil-kliem żejjed illi l-attur seta' qal, fl-esasperazzjoni li sabu jagħlaqlu d-daħla għall-*garage*, ir-reazzjoni tiegħu kienet vjolenti u bla rażan, kif jixhdu l-ġrieħi li ġarrab l-attur.

"Dwar dawn il-ġrieħi hemm xi ftit ta' misteru, għax jekk tassew l-attur kiser l-għadam ta' siequ — u dwar dan ma hemm l-ebda dubju għax xehdu t-tobba li dewwewh u qalu li kiser it-*tibia* u l-*fibula* — mela ma jistax ikun illi x-xhud Mario Zammit rah iqum u jirkeb fil-karrozza. Il-possibbiltajiet huma tnejn: jew l-attur kellu inċident ieħor, wara dak mal-konvenut u qabel ma wasal l-isptar, jew Mario Zammit ma rax sew.

"Mario Zammit stess xehed illi l-inċident seħħ għal xi s-1.30 *p.m.*, u t-tabib li ra lill-attur fis-swali ta' l-emerġenza l-isptar qal illi l-attur iddaħħal f'xi s-2.00 *p.m.*[2]: ma kienx hemm ħin biżżejjed għal xi episodju ieħor, u l-Qorti għalhekk x'aktarx temmen illi l-attur tassew kiser siequ fl-inċident, u illi x-xhud Mario Zammit ma rax sew x'ġara. Kienet il-vjolenza ta' l-agressjoni jew tar-reazzjoni tal-konvenut li ġabet dawk il-konsegwenzi serji.

---

1 Xhieda ta' Mario Zammit fis-seduta tat-18 ta' Novemnbru 1999, *foll.* 35 *et seq.*

2 Ara x-xhieda tat-Tabib Vella Baldacchino fis-sedutata' l-1 ta' Gunju 2001, *fol.* 50.

"Il-qorti għahekk hija tal-fehma illi l-konvenut jaħti u għandu jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab l-attur.

"Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

"L-attur kellu sitta u erbgħin (46) sena meta seħħ l-inċident u għalhekk għall-għanijiet ta' kalkolu ta' *lucrum cessans* fil-ġejjieni *multiplier* ta' erbatax-il (14) sena jkun wieħed xieraq fiċ-ċirkostanzi. L-esperti mediċi maħtura mill-Qorti sabu illi l-attur għandu debilità ta' tmienja fil-mija (8%) minħabba l-ksur ta' l-għadam ta' siequ, u ta' tnejn fil-mija (2%) minħabba fil-ġrieħi fi mnieħru: għaxra fil-mija (10%) b'kollox.

"Fl-1996, l-aħħar sena sħiħa li ħadem qabel l-inċident, l-attur kellu qligħ ta' ftit anqas minn erbat elef lira (Lm4,000). Biex tagħmel tajjeb għat-tnaqqis fil-valur tal-flus il-Qorti sejra taħdem fuq qligħ medju ta' sitt elef lira (Lm6,000) matul is-snin tal-*multiplier.*

"Għalhekk it-telf fil-ġejjieni jiġi Lm6,000 × 14 × 10% = Lm8,400 tmint elef u erba mitt lira. Billi din is-sentenza qiegħda tingħata meta ġà għaddew aktar minn nofs is-snin tal-*multiplier*, ma hux il-każ illi jsir tnaqqis talli l-attur sejjer idaħħal issa dħul tal-ġejjieni, iżda l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu millum.

"Dwar telf ta' qligħ minnufih wara l-inċident, l-attur qal illi għamel xi sitt xhur wieqaf mix-xogħol. Il-konvenut jikkontesta dan, u jgħid illi ġià xahrejn wara l-inċident l-attur kien qiegħed jaħdem fil-ħanut tiegħu; ressaq ukoll xhieda li jgħidu li rawh jaħdem.

"Meta tqis is-serjetà tal-ġrieħi li ġarrab l-attur, il-Qorti ma tarahiex ħaġa kbira illi dam xi żmien qabel ma reġa' qabad sew ir-ritmu tax-xogħol. Madankollu, ma hemmx għalfejn tagħmel kalkoli ta' kemm-il xahar l-attur dam wieqaf mix-xogħol: biżżejjed tqabbel il-qligħ li kellu fl-1996, l-aħħar sena sħiħa li ħadem qabel l-inċident, meta qala' bejn wieħed u ieħor tlitt elef, disa' mija u għoxrin lira (Lm3,920), u l-1997, meta l-qligħ niżel għal ftit aktar minn elf u sitt mitt lira (Lm1,600). Hija naturali u raġonevoli l-

konklużjoni illi t-tnaqqis kien fil-biċċa l-kbira jekk mhux għal kollox minħabba fil-kondizzjoni tas-saħħa ta' l-attur, li ma ħallitux jaħdem.

"Wara li qieset illi, meta seħħ l-inċident f'Awissu kienet ġà għaddiet nofs is-sena, u l-attur fl-ewwel nofs kien daħħal madwar elf u sitt mitt lira (Lm1,600), il-Qorti tillikwida t-telf ta' qligħ fis-somma ta' elf u ħames mitt lira (Lm1,500).

"Il-Qorti għalhekk tillikwida d-danni minħabba telf ta' qligħ, kemm minnufih wara l-inċident kif ukoll fil-ġejjieni, fis-somma ta' disat elf u disa' mitt lira (Lm9,900)."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u b'rikors intavolat fit-13 ta' Marzu 2006, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija sentenza u tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

L-attur ipprezenta risposta ghar-rikors ta' l-appell tal-konvenut fejn sostna li s-sentenza appellata hija gusta u ekwa u li, anke ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta, timmerita konferma fl-intier taghha u ghalhekk talab li l-appell jigi michud u s-sentenza kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi u bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 229(9) tal-Kap. 12, kontra l-konvenut appellant.

**L-aggravji tal-konvenut appellant.**

Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-konvenut jidher li ressaq bazikament zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn jikkoncernaw:
a) l-apprezzament tal-provi prodotti u
b) il-likwidazzjoni tad-danni.

**Ikkunsidrat:**

Dwar x'gara ezattament dakinhar ta' l-incident din il-Qorti ma tara xejn hazin fl-apprezzament tal-provi li sar mill-

ewwel Qorti. Jigi ribadit li din il-Qorti mhux facilment thassar l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti u, partikolarment f'kazi simili, fejn il-krediblita` hija fattur importanti biex wiehed jasal ghal konkluzjoni. Il-fatt li l-ewwel Qorti tkun semghet il-provi *viva voce* u konsegwentement seghtet tapprezza dak li kien qed jinghad quddiema, igib bhala konsegwenza li jkun difficli hafna biex din il-Qorti li, wara kollox hija Qorti ta' revizjoni, tiddisturba l-apprezzament li jkun sar in prim' istanza.

Infatti jidher li l-ewwel Qorti mhux talli hadet konjizzjoni tac-cirkostanzi li wasslu ghall-incident, talli ukoll osservat li f'sitwazzjonijiet simili jekk il-konvenut hassu urtat bl-atteggjament ta' l-attur – li wara kollox kien intitolat li jirrabja billi l-konvenut kien qed jimbblokkalu l-passagg liberu ghall-garage tieghu - l-istess konvenut kull ma kellu jaghmel kien li jsuq u ma jinzilx mill-karozza billi b'hekk kien certament johloq sitwazzjoni perikoluza kif fil-fatt gara. Skambju ta' kliem iebes qatt ma jista' jhalli griehi ta' natura gravi kif garrab l-attur u kien il-fatt li l-konvenut nizel mill-vettura tieghu, biex bhallikieku jiehu sodisfazzjoni, li wassal ghal dawn il-griehi.

Dwar is-serjeta` u l-entita` tal-griehi sofferti mill-attur din il-Qorti wkoll taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti. Il-ksur fl-ghadam ta' l-imnieher certament kien rizultat tad-daqqa ta' ponn li ta l-konvenut. Mentri z-zmien qasir bejn meta sehh l-incident u meta ddahhal l-attur l-isptar certament jelimina l-possibilita` li l-griehi ossia ksur f'sieq l-attur seta' gara b'rizultat ta' xi incident iehor. Wara kollox ix-xhieda ta' Mario Zammit meta jghid li hu ma rax lill-konvenut jaghti daqqiet ta' sieq lill-attur, kif xehed l-attur stess, ma tistax thassar kemm ix-xhieda ta' l-attur dwar dan il-fatt kif ukoll l-konkluzjoni li wiehed jista' jasal ghaliha minhabba z-zmien qasir bejn l-incident u l-prezenza ta' l-attur fl-isptar, u dan ghaliex l-istess xhud Zammit jistqarr li hu ma setax jara sew minhabba l-presenza tas-sigar.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni l-konvenut appellant josserva li l-Qorti kienet zbaljata u dan peress li ingiebu provi kontrarji li mhux veru li l-attur dam erbgha xhur ma jidhol lura ghax-xoghol; jghid ukoll li d-debilita` ta' 10% kienet wahda eccessiva ghaliex il-griehi ma kellhom ebda relazzjoni max-xoghol ta' l-attur u jilmenta wkoll li l-Qorti "*arbitrarjament*" gholliet il-qligh ta' l-attur b'50% minn LM4,000 ghal LM5,000 fis-sena, ghar-raguni semplici biex taghmel ghat-tnaqqis tal-valur tal-flus.

Dwar it-telf ta' qligh attwali ghandu jinghad li l-ewwel Qorti ma llikwidatx kumpens marbut ma xi numru ta' xhur li l-attur allegatament baqa' nieqes milli jattendi n-negozju tieghu. Infatti dan ma ghamlitux minhabba li kien hemm diskrepanza bejn dak li qal l-attur u dak li qal il-konvenut dwar dan. L-ewwel Qorti izda ghaddiet biex tillikwida d-*damnum emergens* a bazi tat-telf effettiv li l-attur sofra minhabba introitu ridott fis-sena li gara l-incident. Dik il-Qort infatti qalet hekk:
"Meta tqis is-serjetà tal-ġrieħi li ġarrab l-attur, il-qorti ma tarahiex ħaġa kbira illi dam xi żmien qabel ma reġa' qabad sew ir-ritmu tax-xogħol. Madankollu, ma hemmx għalfejn tagħmel kalkoli ta' kemm-il xahar l-attur dam wieqaf mix-xogħol: biżżejjed tqabbel il-qligħ li kellu fl-1996, l-aħħar sena sħiħa li ħadem qabel l-inċident, meta qala' bejn wieħed u ieħor tlitt elef, disa' mija u għoxrin lira (Lm3,920), u l-1997, meta l-qligħ niżel għal ftit aktar minn elf u sitt mitt lira (Lm1,600). Hija naturali u raġonevoli l-konklużjoni illi t-tnaqqis kien fil-biċċa l-kbira jekk mhux għal kollox minħabba fil-kondizzjoni tas-saħħa ta' l-attur, li ma ħallitux jaħdem.

"Wara li qieset illi, meta seħħ l-inċident f'Awissu kienet ġà għaddiet nofs is-sena, u l-attur fl-ewwel nofs kien daħħal madwar elf u sitt mitt lira (Lm1,600), il-qorti tillikwida t-telf ta' qligħ fis-somma ta' elf u ħames mitt lira (Lm1,500)."

Ma' dan ir-ragunament din il-Qorti taqbel pienament, u konsegwentement dan l-aspett tat-tieni aggravju ma jirrizultax gustifikat.

**Ikkunsidrat:**
Il-konvenut jilmenta wkoll li l-introitu ta' l-attur, ghal fini tal-*multiplier* gie kunsidrat bhala 50% aktar minn dak li l-istess attur kien jippercepixxi fis-sena ta’ meta sehh l-incident. Hu jsostni li dan l-awment ma kienx gustifikat. Il-konvenut jsostni ukoll li d-dizabilita` ta’ 10% ma kinitx gustifikata billi l-griehi mhux relatati max-xoghol ta’ l-attur.

F’dan ir-rigward jigi osservat fl-ewwel lok, li fil-kaz ta’ l-attur dan ma kienx persuna impjegata izda “*self employed*” billi kien jiggestixxi *ironmongery* u anke jahdem ghan-nies. Ghalhekk kunsiderazzjonijiet dwar awmenti minhabba l-gholi tal-hajja konsegwenza tal-inflazzjoni ftit li xejn huma relevanti. Jekk wiehed jezamina t-Trading, Profit and Loss account li gie pprezentat mill-attur ghas-snin 1996 sas-sena 1999 jigi osservat li fis-sena qabel dik tal-incident u cioe` l-elf disa’ mija u sitta u disghin (1996) il-*Purchases* ta’ *Stock*, li naturalment jirrifletti l-andament tan-negozju, kienu jlahhqu s-somma ta’ LM22,872.57. Mentri fis-sena 1997 u cioe` meta sehh l-incident u dawk ta’ sentejn wara, dawn l-*Purchases* bil-kemm kienu joqorbu l-ghaxart elef lira Maltin (LM10,000) fis-sena. Dan juri mhux biss li n-negozju ta’ l-attur bhala rizultat ta’ dan l-incident qala' daqqa ta’ harta u beda jnaqqas, izda wkoll li d-debilita` li sofra l-attur bhala rizultat ta’ dan l-incident kellha rifless dirett fuq l-kapacita` ta’ l-attur li jiggestixxi n-negozju tieghu li kien l-mezz principali ta’ qligh ghal ghajxien tieghu. Ghalhekk l-introitu ghal fini tal-*multiplier* ma ghandux juri biss l-inflazzjoni izda l-andament tan-negozju bhala rizultat ta’ dak li sehh fis-sena 1997; u dizabilita` ta’ 10% minhabba n-natura tal-griehi percepiti certament hija gustifikata fil-komputazzjoni tal-*lucrum cessans*.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------